**Aggravji u argumenti prinċipali**

L-appellanti tqajjem erba' aggravji intiżi għall-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali.

Fl-ewwel lok, l-appellanti tqis li l-Qorti Ġenerali kisret l-Artikolu 107(1) TFUE meta ddeċidiet li l-Kummissjoni wettqet żball ta' liġi meta qieset li t-trasferiment tas-Société Nationale Maritime Corse-Méditerranée għal prezz negattiv ta' EUR 158 miljun ma kienx jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat. L-appellanti tikkritika lill-Qorti Ġenerali, minn naħa, talli qieset li l-Kummissjoni ma setgħetx tieħu inkunsiderazzjoni r-riskju ta' effett ħażin fuq l-immaġni tal-marka tal-Istat, bħala attur ekonomiku globali fis-settur perivat, fil-kuntest tat-test tal-investitur privat avżat, sabiex tistabbilixxi jekk il-ħlas ta' allowances addizzjonali ta' tkeċċija lill-impjegati tas-SNCM f'każ ta' stralċ ta' din tal-aħħar kienx jitwettaq ukoll minn investitur privat avżat. Min-naħa l-oħra, hija tikkritika lill-Qorti Ġenerali talli talbet lill-Kummissjoni tagħti l-prova li l-ħlas ta' allowances addizzjonali ta' tkeċċija kien jikkostitwixxi prassi suffiċjentement stabbilita, u saħansitra kostanti, fost l-imprendituri privati.

Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi bbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 107(1) TFUE meta qieset li l-Kummissjoni ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-elementi rilevanti kollha fil-kuntest tal-analiżi tagħha tal-komparabbiltà tal-kontribut kapitali ta' EUR 8,75 miljun imwettaq mill-azzjonist pubbliku tas-SNCM u tal-kontribut kapitali ta' EUR 26,25 miljun imwettaq mix-xerrejja privati, u li l-Kummissjoni kellha tieħu inkunsiderazzjoni l-klawżola riżolutorja ta' trasferiment mogħtija lix-xerrejja privati fil-kuntest tal-privatizzazzjoni tas-SNCM.

Fit-tielet lok, il-Qorti Ġenerali kisret l-Artikolu 36, moqri flimkien mal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 53 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, kif ukoll l-Artikolu 81 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, meta kkwalifikat bħala għajnuna mill-Istat il-miżuri ta' għajnuna lil individwi ta' ammont ta' EUR 38,5 miljun mingħajr ma vverifikat, b'mod sussidjarju, jekk din il-miżura kinitx tissodisfa t-test tal-investitur privat avżat, kif sostnew madankollu l-Kummissjoni fid-deċiżjoni kontenzjuża u l-Gvern Franċiż matul is-seduta quddiem il-Qorti Ġenerali.

Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta qieset li l-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni meta approvat il-bilanċ tar-ristrutturazzjoni skont l-Artikolu 107(3)(ċ) TFUE u l-linji gwida.

([1]) ĠU 2009 L 225, p. 180

**Rikors ippreżentat fis-27 ta' Novembru 2012 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika ta' Ċipru**

**(Kawża C-545/12)**

(2013/C 32/11)

*Lingwa tal-kawża: il-Grieg*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: P. Hetsch, J. Hottiaux u M. Kostantinidis, aġenti)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika ta' Ċipru

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tiddikjara li r-Repubblika ta' Ċipru, peress li ma adottatx il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex tikkonforma ruħha mad-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-20 ta' Diċembru 2006, dwar il-Liċenzji tas-Sewqan (Tfassil mill-Ġdid) (ĠU L 403, p. 18) u, fi kwalunkwe każ, peress li ma kkomunikatx id-dispożizzjonijiet kollha msemmija lill-Kummissjoni, naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 16 ta' din id-direttiva;

— tikkundanna lir-Repubblika ta' Ċipru, skont l-Artikolu 260(3) TFUE, għall-ħlas ta' penalità li tammonta għal EUR 6 504,96 kuljum, mill-jum tal-pubblikazzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja;

— tikkundanna lir-Repubblika ta' Ċipru għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

L-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 2006/126/KE jimponi fuq l-Istati Membri l-obbligu li jadottaw u jippubblikaw, sa mhux aktar tard mid-19 ta' Jannar 2011, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet il-ġodda introdotti u speċifikati permezz tad-direttiva msemmija.

Ir-Repubblika ta' Ċipru ma għamlitx traspożizzjoni kompleta fil-liġi nazzjonali tagħha tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva. B'mod partikolari, il-Kummissjoni tinnota li, fil-waqt tal-preżentata tar-rikors, ir-Repubblika ta' Ċipru ma kinitx ittrasponiet fil-liġi nazzjonali tagħha l-Artikoli 1(1), 3, 7(1), (3) u (5), 10 u 15, kif ukoll l-Anness I(2), l-Anness II(5.2) u l-Annessi IV, V u VI tad-Direttiva.

Għaldaqstant, il-Kummissjoni ssostni li r-Repubblika ta' Ċipru naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 260(3) TFUE.